



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, il-5 ta' Lulju 2021

Il-kontribwenti Ewropej ta' spiss ikollhom iħallsu minflok min iniġġes

Il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas jirrikjedi li jenħtieġ li min iniġġes iġarrab l-ispejjeż relatati mat-tniġġis ikkawżat minnu. Iżda, kif ġie rrapportat illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), fl-UE dan mhux dejjem ikun il-każ. Filwaqt li l-prinċipju huwa ġeneralment rifless fil-politiki ambjentali tal-UE, il-kopertura tiegħu għadha mhijiex kompleta u l-applikazzjoni tiegħu fost is-setturi u l-Istati Membri mhijiex uniformi. L-awdituri jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li, b'riżultat ta' dan, xi drabi jintużaw il-fondi pubbliċi – minflok dawk ta' min iniġġes – biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet ta' tindif.

Fl-UE, kważi tliet miljun sit huma potenzjalment ikkontaminati, primarjament mill-attività industrijali u t-trattament u r-rimi tal-iskart. Minn 10 korpi tal-ilmijiet tal-wiċċ, bħal xmajjar u lagi, 6 mhumiex f'kundizzjoni kimika u ekoloġika tajba. It-tniġġis tal-arja, riskju kbir għas-saħħa fl-UE, jagħmel ħsara wkoll lill-veġetazzjoni u lill-ekosistemi. Dan kollu jinvolvi spejjeż sinifikanti għaċ-ċittadini tal-UE. Il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas iżomm lil min iniġġes responsabbli għat-tniġġis u d-dannu ambjentali li jikkawża. Huwa min iniġġes, u mhux il-kontribwent, li suppost ikopri l-ispejjeż assoċjati.

“Biex l-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku tal-UE jitwettqu b'mod effiċjenti u ġust, min iniġġes jeħtieġ li jħallas għad-dannu ambjentali li jikkawża”, qal Viorel Ștefan, il-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. “Madankollu, sa issa, il-kontribwenti Ewropej kellhom ta' spiss iġarrbu l-ispejjeż li kellhom jitħallsu minn min iniġġes.”

L-awdituri sabu li l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas huwa wieħed mill-prinċipji ewlenin li fuqhom huma bbażati l-politiki u l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE, iżda l-applikazzjoni tiegħu mhijiex uniformi, u ssir f'livelli differenti. Filwaqt li d-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali tkopri l-installazzjonijiet li jniġġsu l-aktar, il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri għadhom ma jżommux lill-industriji responsabbli meta l-emissjonijiet permessi jikkawżaw dannu ambjentali. Id-Direttiva lanqas ma tirrikjedi li l-industriji jkopru l-ispejjeż tal-impatt mit-tniġġis residwu, li jammontaw għal mijiet ta' biljuni ta' euro. Bl-istess mod, il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart tinkorpora l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, pereżempju permezz tar-“responsabbiltà estiża tal-produttur”.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

Madankollu, l-awdituri josservaw li ta' spiss huma meħtieġa investimenti pubbliċi sinifikanti biex titnaqqas id-diskrepanza fil-finanzjament.

Barra minn hekk, min iniġġes ma jġarrabx l-ispejjeż sħaħ relatati mat-tniġġis tal-ilma. Normalment, l-unitajiet domestiċi tal-UE huma daww li jħallsu l-aktar, minkejja li jikkunsmaw biss 10 % tal-ilma. Il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas għadu diffiċli biex jiġi applikat fil-każ ta' tniġġis li joriġina minn sorsi diffużi, u partikolarment mill-agrikoltura.

Ta' spiss, il-kontaminazzjoni tas-siti tkun saret tant żmien ilu li min iniġġes jew ma għadux jeżisti, jew ma jistax jiġi identifikat jew inkella ma jistax jinżamm responsabbli. Dan it-“tniġġis orfni” huwa waħda mir-raġunijiet għalfejn l-UE kellha tiffinanzja proġetti ta' rimedjazzjoni li kellhom jiħallsu minn min iniġġes. Aġħar minn hekk, il-fondi pubbliċi tal-UE ntużaw kontra l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, pereżempju meta l-awtoritajiet fl-Istati Membri naqsu milli jinfurzaw il-leġislazzjoni ambjentali kif ukoll milli jġieġħlu lil min iniġġes iħallas.

Fl-aħħar nett, l-awdituri jenfasizzaw li, fejn in-negozji ma jkollhomx sigurtà finanzjarja suffiċjenti (eż. bħal polza tal-assigurazzjoni li tkopri r-responsabbiltà ambjentali), hemm riskju li l-ispejjeż tat-tindif ambjentali jispiċċaw jiġġarrbu mill-kontribwenti. Sal-lum il-ġurnata, seba' Stati Membri biss (Ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, Spanja, l-Italja, il-Polonja, il-Portugall u s-Slovakkja) jirrikjedu li tingħata sigurtà finanzjarja għal xi responsabbiltajiet ambjentali jew għal kollha kemm huma. Madankollu, tali garanziji mhumiex obbligatorji fil-livell tal-UE, li fil-prattika jfisser li l-kontribwenti huma mġieġħla jintervjenu u jħallsu għall-ispejjeż tat-tindif meta kumpanija li tkun ikkawżat dannu ambjentali ssir insolventi.

Informazzjoni ġenerali

Proporzjon sinifikanti tal-baġit tal-UE huwa ddedikat għall-ilħuq tal-oġġettivi tal-UE relatati mat-tibdil fil-klima u mal-ambjent. Matul il-perjodu 2014-2020, madwar EUR 29 biljun mill-politika ta' koeżjoni tal-UE u l-Programm LIFE kienu mmirati speċifikament lejn il-protezzjoni tal-ambjent.

Ir-Rapport Speċjali Nru 12/2021: “Il-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas: Applikazzjoni inkonsistenti fil-politiki u fl-azzjonijiet ambjentali tal-UE” huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE. Dan ir-rapport ma jiffukax fuq is-settur tal-enerġija u dak tal-klima, billi dawn is-suġġetti ġew koperti f' bosta rapporti oħra tal-QEA, bħar-rapport speċjali dwar is-[sistema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet](#) u rapport speċjali dwar it-[tniġġis tal-arja](#). Ġimagħtejn ilu, il-QEA ppubblikat ukoll rapport dwar [it-tibdil fil-klima u l-agrikoltura fl-UE](#). Madankollu, ir-rapport tal-lum huwa l-ewwel darba li l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas ġie eżaminat speċifikament.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li jsiru fir-rapporti jiddaħħlu fil-prattika.

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju stampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502
- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547